



Brussell, 22 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9946/21

POLGEN 105
POLMIL 93
POLMAR 8
CSDP/PSDC 331
MARE 20
TRANS 410
ENV 441
HYBRID 35
COAFR 165
COASI 93
COMAR 18

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9439/21

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà marittima

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà marittima, kif approvati mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Ġunju 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà marittima

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JFAKKAR:

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika Marittima Integrata ta' Diċembru 2008, tas-16 ta' Novembru 2009, tal-14 ta' Ġunju 2010, tad-19 ta' Diċembru 2011, tal-11 ta' Diċembru 2012, tal-25 ta' Ġunju 2013 u tal-24 ta' Ġunju 2014¹;
- fl-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea tal-24 ta' Ġunju 2014² u fl-ewwel Pjan ta' Azzjoni tas-17 ta' Diċembru 2014³;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna" tat-3 ta' April 2017⁴;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà Marittima Globali tad-19 ta' Ġunju 2017⁵;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Ġejjieni Ewropew sostenibbli: It-tweġiba tal-UE għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli" tal-20 ta' Ġunju 2017⁶;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana tal-5 ta' Diċembru 2017⁷;

¹ 16503/1/08 REV 1, 15175/1/09 REV 1, 10300/10, 18279/11, 16553/12 + COR 1, 10790/13 u 11204/14

² 11205/14

³ 17002/14

⁴ 8029/17

⁵ 10238/17

⁶ 10370/17

⁷ 14802/17

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea (EUMSS) tas-26 ta' Ġunju 2018⁸;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ASEAN tal-21 ta' Jannar 2019⁹;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Oċeani u l-Ibħra tad-19 ta' Novembru 2019¹⁰;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-politika tal-UE dwar l-Artiku tad-9 ta' Diċembru 2019¹¹;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu, inkluż id-diżinformazzjoni fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 tal-15 ta' Diċembru 2020¹²;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill li jniedu l-każ pilota tal-kunċett ta' Preżenzi Marittimi Koordinati fil-Golf tal-Guinea tal-25 ta' Jannar 2021¹³;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima u l-Enerġija - It-twettiq tad-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-25 ta' Jannar 2021¹⁴;
- fid-Dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew tas-26 ta' Frar 2021¹⁵;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali tat-22 ta' Marzu 2021¹⁶;

8	10494/18
9	5257/19
10	14249/19
11	14952/19
12	14064/20 + COR1
13	5387/21
14	5263/21
15	2/21
16	7290/21

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Strateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku tas-16 ta' April 2021¹⁷;
 - fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar - Aġenda ġdida għall-Mediterran tas-16 ta' April 2021¹⁸;
 - fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà u d-difiża tal-10 ta' Mejju 2021¹⁹;
 - fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ekonomija blu sostenibbli tas-26 ta' Mejju 2021²⁰;
1. IFAKKAR li s-sigurtà marittima għandha l-għan li tiżgura użu ħieles u paċifiku tal-ibħra u hija prerekwiżit għal oċeani u ibħra sikuri, nodfa u siguri għal kull tip ta' attività, u prijorità ċara għall-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha għall-protezzjoni tal-interessi strateġiċi tagħhom; IFAKKAR li s-sigurtà marittima hija prekondizzjoni għal ekonomija blu prospera fl-UE; JAFFERMA MILL-ĠDID li L-UE hija impenjata li timplimenta l-Aġenda Strateġika 2019-2024 billi ssegwi linja ta' azzjoni aktar strateġika u żżid il-kapaċità tagħha li taġixxi b'mod awtonomu; JENFASIZZA li, quddiem theddidiet ġodda u li qed jiżdiedu u sfidi għas-sigurtà li jaffettwaw l-istabbiltà globali u jżidu l-kompetizzjoni għar-riżorsi, jeħtieġ li l-UE ssaħħaħ ir-rwol tagħha bħala fornitur tas-sigurtà marittima globali; JIRRIKONOXXI li l-pandemija tal-COVID-19 affettwat l-oqsma kollha tal-ħajja, inkluż is-sigurtà marittima;
 2. JAFFERMA MILL-ĠDID li t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali huma theddida eżistenzjali għall-umanità u l-bijodiversità, kif ukoll għal oċeani u ibħra fi stat tajjeb ta' saħħa, għandhom implikazzjonijiet dejjem akbar għall-paċi u s-sigurtà globali u għall-istabbiltà internazzjonali, inkluż is-sigurtà marittima, u jeħtieġu rispons kollettiv urġenti;

¹⁷ 7914/21

¹⁸ 7931/21

¹⁹ 8396/21

²⁰ 9153/21

3. JAFFERMA MILL-ĠDID li, kif iddikjarat fir-Riżoluzzjoni A/75/239 tan-NU tal-31 ta' Diċembru 2020, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) tiddefinixxi l-qafas legali li fih iridu jitwettqu l-attivitajiet kollha fl-oċeani u l-ibħra; JISSOTTOLINJA r-rwol tal-UE fil-promozzjoni globali ta' multilateraliżmu marittimu effettiv u ordni bbażat fuq ir-regoli f'konformità mal-UNCLOS; HUWA IMPENJAT li jsaħħaħ is-sħubijiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari s-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), inkluż l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO) u sħab reġjonali, bħall-Unjoni Afrikana u l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, bil-ħsieb li jiġi żgurat użu liberu u paċifiku tal-qasam marittimu globali; ITENNI b'mod partikolari r-rieda tiegħu li jkompli jikkoopera mill-qrib man-NATO dwar kwistjonijiet marittimi fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti ta' Varsavja u ta' Brussell u s-settijiet komuni ta' proposti, b'rispett sħiħ tal-prinċipji tat-trasparenza, ir-reċiproċità u l-inklużività, kif ukoll l-awtonomija u l-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet taż-żewġ organizzazzjonijiet;
4. JENFASIZZA li l-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE (EUMSS) u l-pjan ta' azzjoni rivedut tagħha, filwaqt li jindirizzaw primarjament is-sigurtà marittima, jikkontribwixxu wkoll b'mod dirett biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari l-SDG 14 (Ħajja Taħt l-Ilma), għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE, l-Aġenda dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani tal-UE, l-Aġenda Strateġika tal-UE 2019-2024 li twassal għal tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Politika Marittima Integrata tal-UE, l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030 u l-ħidma għall-kooperazzjoni fuq l-ibħra reġjonali;
5. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex ikomplu jimplimentaw il-politika b'mod attiv u jagħtu bidu għal valutazzjoni tal-ħtieġa għal aġġornament tal-EUMSS u l-pjan ta' azzjoni tagħha, u jipprovdu l-eżiti tagħha mill-aktar fis possibbli sa mhux aktar tard minn tmiem l-2021; JISĦAQ li l-aċċess Ewropew għall-beni komuni globali, inkluż għall-ibħra internazzjonali, il-promozzjoni tal-interessi u l-valuri tal-UE u ordni globali bbażat fuq ir-regoli huma meħtieġa b'mod urġenti; JISSOTTOLINJA li s-sigurtà marittima għandha tiġi indirizzata fil-qafas tal-Boxxla Strateġika minħabba l-importanza tagħha; IQIS li din il-ħidma tikkontribwixxi biex tiġi żviluppata aktar il-kultura ta' sigurtà u difiża Ewropea komuni;

6. JILQA' r-rapport konġunt tal-2020 mill-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-EUMSS u JAPPELLA lill-atturi responsabbli mill-implimentazzjoni, b'mod partikolari l-Istati Membri, il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u istituzzjonijiet, korpi u aġenziji oħra tal-UE, biex jaħdmu flimkien mill-qrib biex ikomplu jimplimentaw il-pjan ta' azzjoni, b'mod partikolari billi jsaħħu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livelli u fis-setturi kollha (ċivili-ċivili, ċivili-militari, militari-militari), fost l-oħrajn biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw il-kriminalità organizzata tranżnazzjonali fuq il-baħar, li tinkludi l-piraterija;
7. JILQA' l-progress li sar fl-iżvilupp tal-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infurmazzjoni (CISE) għall-qasam marittimu u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha biex tistabbilixxi CISE għalkollox operattiv f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE; JAPPELLA wkoll għal implimentazzjoni mifruxa tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà tas-CISE, kif ukoll għal sinerġija u komplementarjetà mal-pjattaformi u s-sistemi tal-IT eżistenti li jiffaċilitaw l-iskambju ta' infurmazzjoni fil-livell tal-UE fil-qasam marittimu, b'kont meħud tal-qafas legali fis-seħħ; JENFASIZZA b'mod partikolari l-importanza tal-"Fażi Tranżitorja għall-Operazzjonijiet" attwali mmexxija mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), u r-riżultati tanġibbli tagħha, inkluż il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet parteċipanti għall-iskambju ta' infurmazzjoni u l-istabbiliment ta' servizzi ta' valur miżjud tas-CISE; JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jipparteċipaw b'mod attiv fil-fażi tranżitorja, inkluż b'konnessjonijiet attivi permezz ta' nodi eżistenti u ġodda u biex jużaw il-mezzi kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni sħiħa tas-CISE fil-livell nazzjonali, filwaqt li jirrikonoxxi li l-parteċipazzjoni hija volontarja għall-Istati Membri;
8. IĦEĠĠEĠ aktar kooperazzjoni fost l-aġenziji bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) u l-EMSA dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta fi ħdan l-arranġament ta' ħidma l-ġdid, operazzjonijiet aktar integrati kif ukoll l-implimentazzjoni ta' aġenda kkoordinata ta' riċerka dwar is-sigurtà marittima ċivili-militari, u JISTENNA B'INTERESS l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Manwal Prattiku għall-Kooperazzjoni tal-Gwardja tal-Kosta; IĦEĠĠEĠ il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet għall-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta fi ħdan il-Forum Ewropew tal-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta u fora tal-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta reġjonali, bħall-Forum tal-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta tal-Atlantiku tat-Tramuntana u l-Forum tal-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta tal-Mediterran;

9. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu żgurati livelli msaħħa ta' ċibersigurtà fis-setturi marittimi kollha, b'mod partikolari fil-kuntest ta' teknoloġiji emerġenti u fixkiela, u li jiżdiedu l-isforzi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza għall-attakki ċibernetiċi fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri, kif ukoll li tiġi inkluża ċ-ċibersigurtà marittima fid-djalogi, l-inizjattivi u l-attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam ta' ċibersigurtà mas-sħab tal-UE;
10. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tissaħħaħ aktar ir-reżiljenza, inkluż il-protezzjoni tal-infrastruttura marittima kritika, kif ukoll il-kapaċità li jiġi miġġieled it-theddid ibridu, filwaqt li jiġi żgurat l-użu kkoordinat u integrat tal-ġhodod eżistenti u l-ġhodod ġodda possibbli għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu; JISSOTTOLINJA wkoll il-ħtieġa li jittejbu t-tnejn, l-għarfien tas-sitwazzjoni u l-kapaċità ta' analiżi awtonoma tal-UE u li tingħata għajnuna biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sħab;
11. IFAKKAR fl-importanza li tiġi żgurata u infurzata f'kull ħin sigurtà marittima adegwata u suffiċjenti fi ħdan l-UE, fejn il-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sigurtà tat-trasport marittimu u s-sistema ta' spezzjonijiet tagħha jkunu fis-seħħ, li jsaħħaħ is-sigurtà tal-bastimenti użati fil-kummerċ internazzjonali u t-tbajhir domestiku, u l-portijiet u l-faċilitajiet tal-portijiet assoċjati tal-UE, fid-dawl ta' theddid ta' atti illegali intenzjonati;
12. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jagħmlu użu mill-opportunitajiet ta' finanzjament kollha disponibbli inkluż permezz tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) sabiex jiffinanzjaw azzjonijiet relatati mas-sigurtà u s-sorveljanza marittima, b'mod partikolari dawk l-azzjonijiet elenkati fil-pjan ta' azzjoni tal-EUMSS;

13. JISSOTTOLINJA li l-munizzjon kimiku, konvenzjonali u mhux splodut mormi l-baħar jippreżenta riskju għoli għall-ambjent, is-saħħa tal-bniedem u l-attivitajiet ekonomiċi fuq il-baħar u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-isforzi u l-kooperazzjoni tagħhom, inkluż permezz ta' sħubiji mal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) u man-NATO, b'rispett sħiħ għall-prinċipji tat-trasparenza, ir-reċiproċità u l-inklużività, fis-sensibilizzazzjoni dwar daww ir-riskji, fl-immappjar taż-żoni affettwati, fil-monitoraġġ tal-istat ta' korrużjoni tal-munizzjon u fl-iżvilupp ta' miżuri ta' rispons f'każ ta' emerġenza; IĦEĠĠIĠHOM ukoll biex jikkondividu l-aħjar prattiki, inkluż fi ħdan il-konvenzjonijiet dwar l-ibħra reġjonali, jesploraw sorsi possibbli ta' finanzjament tal-UE biex jindirizzaw din il-kwistjoni, jikkunsidraw li jindirizzaw kwistjonijiet relatati mal-munizzjon fil-qafas ta' riċerka eżistenti tal-UE u jiżviluppaw manwal ta' proċeduri għall-irkupru jew l-eliminazzjoni ta' munizzjon b'mod li jkun sikur għall-bnedmin u għall-ambjent u approċċ komuni biex dawn jiġu ttrattati, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta' Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom, fejn applikabbli;
14. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jagħtu aktar kunsiderazzjoni lill-inizjattiva ta' promoturi marittimi voluntiera deskritta fil-pjan ta' azzjoni tal-EUMSS u biex isiru promoturi ta' azzjonijiet speċifiċi, f'konformità mal-prijoritajiet u l-interessi nazzjonali tagħhom;
15. JENFASIZZA l-kontribut sinifikanti għas-sigurtà marittima li ilu jingħata għal żmien twil mill-operazzjonijiet marittimi tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-UE, inkluż l-EUNAVFOR ATALANTA, sabiex tiġi kkonfrontata u finalment eliminata l-piraterija fl-Oċean Indjan; JILQA' l-mandat estiż il-ġdid tal-EUNAVFOR ATALANTA; JIRRIKONOXXI l-importanza ta' preżenza navali Ewropea fl-Indo-Paċifiku li tkun ta' sinifikat;

16. JILQA' t-tiġdid tal-mandat tal-Operazzjoni EUNAVFOR MED IRINI b'sentejn, sal-31 ta' Marzu 2023, jappella lill-Istati kollha tal-bandiera biex jaġixxu *in bona fide* u jikkooperaw mal-ispezzjonijiet mill-assi tal-Operazzjoni u jappella lill-istati kollha biex iżidu l-isforzi tagħhom biex jipprevjenu b'mod effettiv il-ksur tal-embargo tan-NU fuq l-armi lil-Libja; ITENNI l-ħtieġa għal kooperazzjoni operazzjonali effettiva bejn il-Kmand Marittimu tan-NATO (MARCOM) u l-EUNAVFOR IRINI u JAPPELLA għall-konklużjoni ta' arranġament amministrattiv, li jibni fuq il-qafas miksub għall-Operazzjoni SOPHIA tal-EUNAVFOR MED;
17. JAPPOĠĠA l-implimentazzjoni rapida u sħiħa tal-każ pilota tal-kunċett ta' Preżenzi Marittimi Koordinati (CMPs) fil-Golf tal-Guinea; f'dan ir-rigward, IĦEĠĠEĠ biex ikun hemm impenn għas-sigurtà marittima permezz ta' approċċ reġjonali; ITENNI li, abbażi tat-tagħlimiet meħuda, ser jeżamina l-possibbiltà li dan il-kunċett jiġi applikat f'Żoni Marittimi ta' Interess futuri potenzjali oħra, f'konformità wkoll mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà u d-Difiża tal-10 ta' Mejju 2021;
18. JILQA' l-użu tan-network tas-Sorveljanza Marittima (MARSUR) biex jiġi appoġġat il-każ pilota tas-CMPs fil-Golf tal-Guinea, li fuqu jistgħu jiġu żviluppati aktar kontributi lejn network ta' sorveljanza marittima, inkluż dwar il-kapaċitajiet u l-mezzi ta' għarfien tas-sitwazzjoni marittima, u b'hekk ikunu ta' benefiċċju għal inizzjattivi futuri u missjonijiet u operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni; JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża biex iqawwu l-isforzi tagħhom biex jistabbilixxu MARSUR għalkollox operattiva u jkomplu jiżviluppaw il-governanza tajba tagħha f'kooperazzjoni mal-pajjiżi parteċipanti u maċ-Ċentru Satellitari tal-UE sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-MARSUR, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni mas-CISE;
19. JAPPELLA lill-Istati Membri biex ikomplu jżidu l-isforzi tagħhom għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet fil-qasam marittimu billi jmexxu 'l quddiem il-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE maqbula, li jinkludu l-opportunitajiet kollaborattivi identifikati fir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD) fil-qafas tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), il-Fond Ewropew għad-Difiża (FEŻ) jew fil-livell nazzjonali, kif ukoll il-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċità Ċivili;

20. JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex iwettqu riċerka u innovazzjoni u jippromwovu l-għarfien dwar l-oċeani sabiex itejbu l-iżvilupp tal-kapaċità marittima u jappoġġaw riċerka ulterjuri dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq is-sigurtà marittima; f'dan ir-rigward, JISSOTTOLINJA r-rwol ċentrali tal-programm Orizzont Ewropa għar-riċerka u l-innovazzjoni f'sinerġija mal-Fond Ewropew għad-Difiża; IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jeżaminaw opportunitajiet ġodda li jirriżultaw mill-Pjan ta' Azzjoni dwar sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża u tal-ispazju, li jsaħħu l-komplementarjetà bejn il-programmi u l-istrumenti rilevanti tal-UE, filwaqt li jirrispettaw il-bażijiet ġuridiċi u n-natura differenti tal-programmi u l-inizjattivi rispettivi tal-UE, inkluż in-natura ċivili tal-Programm Spazjali tal-UE.
-